MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 3

12 ta' Awwissu, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 3**

3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-Tieni Minuti ta' dan il-Kunsill;
3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
3.4 Tweġiebiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
3.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
3.6 Proġett - Triq Sannat;
3.7 Proġett - Pjazza Santa Margerita;
3.8 Fondi għall-Inizjattivi Kulturali/Socjali mill-fondi tal-LESA;
3.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
3.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 06/2019;
3.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 3 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tat-tieni Minuti ta' dan il-Kunsill

3.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 2 – 9 ta' dan il-Kunsill li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward it-tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel li kienet issir kull sena fil-ġimgħa tal-festa u li din is-sena ma tħallietx issir minkejja li l-Kunsill għamel minn kollox biex din tibqa ssir. Hu qal li kif kien spjega kollox dwar dan fil-laqgħa preċedenti wara li l-Kunsill kien bgħat id-dokumenti rikjesti lill-pulizija għal permess għal din it-tiġrija, l-Kunsill irċieva imejl bir-risposta mingħand is-Superintendent tal-Pulizija għaliex dan il-permess ma ngħatax, din l-imjel inqrat waqt din il-laqgħa. Is-Sindku qal li hu talab laqgħa mall-Kummissarju tal-Puliżija u li din saret nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju 2019, fil-kwartieri tal-pulizija l-Floriana fejn ġie spjegat kollox. Hu qal li l-Kummissarju xorta baqa bl-istess opinjoni għal din r-risposta fl-imjel li kien irċieva l-Kunsill. Is-Sindku qal li din it-tiġrija ilha ssir sa mill-1810 fejn hemm dokumentazzjoni dwarha. Hu qal li minn riċerki li saru jirriżultaw li f'Malta u f'Għawdex hemm 4 tiġrijiet tradizzjonali dik tas-Saqqaja u tal-Pieta f'Malta u dik Ta' Sannat u ta' Santa Marija fir-Rabat Għawdex. Hu qal li jħoss li saret diskriminazzjoni mal-lokalita' Ta' Sannat f'pajjiż demokratiku meta l-liġi qedha hemm għal kulħadd fejn imbgħad ingħata l-permess biex issir it-tiġrija tradizzjonali ta' Santa Marija fir-Rabat Għawdex. Għalhekk hu talab il-kunsens mill-membri biex jekk il-Kunsill jaqbel, il-Kunsill iqabbad Avukat biex jitkellem għal dan. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jkellem lil Avukat Dr. Matthew J. Brincat dwar dan biex b'hekk wara l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jkun jista joħroġ stqarrija għaliex din ma saritx.

3.4.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju saret laqgħa mall-Ministru għal Għawdex dwar Triq Sannat, Triq tal-Lewż u Triq Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li ta' spjegazzjoni dwar il-proġett ta' Triq Sannat li se jiġi spjegat iktar il-quddiem waqt din il-laqgħa skond l-Aġenda ta' din il-laqgħa. Waqt din il-laqgħa ġie skopert li l-Ministeru għal Għawdex qal li bbenefika ukoll minn fondi ewropej minn Miżura 4.4 fejn l-Kunsill kien applika u bbenefika ukoll biex jibni ħitan tas-sejjieħ fi Triq Mġarr ix-Xini. Dwar dan il-Kunsill għandu jara hux l-istess ħitan tas-sejjieħ li ser jinbnew jew li jiġu rrestawrati. Għalhekk il-Kunsill għandu jkellem lill-Managing Authority dwar dan il-każ biex b'hekk ma jkunx hemm double funding u jara jistgħax jibni ħitan oħra minflokk mill-applikazzjoni li l-Kunsill kien applika. Dwar Triq tal-Lewż ġie spjegat li din it-triq se tkun waħda mit-toroq alternattivi meta tkun maqlugħa Triq Sannat u għalhekk hemm il-ħtieġa li din it-triq tiġi rranġata u fejn hemm bżonn ppecjata. Hu qal li l-Ministru qalet li dan ix-xogħol għandu jsir u li dan l-aħħar din it-triq ġiet rrangata. Dwar il-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini fejn ma tkompliex bil-konkos il-Ministru qalet li din għandha issir.

3.4.3 Is-Sindku qal li l-kuntratt mall-Kuntrattur biex jibda ix-xogħol fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4 b'fondi ewropej għandu jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin wara li ma kien hemm l-ebda appell. Kif kien qal diġa għandu jintalab li jsir change request fuq il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Mġarr ix-Xini jekk ikun hemm double funding għal dan.

3.4.4 Is-Sindku qal li fi Triq ta' Ċenċ kienet saret applikazzjoni mall-Planning Authority bin-numru PA3129/19 biex titwaqqa binja qadima u ta' valur storiku u jinbnew 15 il-garaxx, 5 appartamenti ground floor, 6 appartamenti fl-ewwel sular u 5 appartamenti fit-tieni sular. Il-Kunsill Lokali talab lill-Perit Scerri biex jikteb lill-Awtotita' tal-Ippjanar fejn il-Kunsill qed joġġezjona dwar dan l-iżvilupp meta l-binja għada fi stat ta' konservazzjoni u meta din l-binja tinsab f'Urban Conservetory Area. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm permessi bħal dan il-Kunsill għandu jintervjeni u jgħamel appell.

3.4.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-uffiċċju tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu 2019 saret laqgħa mall-Uffiċjal Inkarigat mill-uffiċċju tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali f'Għawdex dwar l-andament ta-servizz tal-uffiċċju fil-binja tal-uffiċċju tal-Kunsill peress li mhux qed ikun hemm konkorrenza u użu ta dan is-servizz kull nhar ta' Ħamis bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar u għalhekk il-Kunsill għandu jinforma lir-residenti biex kull min ikollu bżonn dan is-servizz fl-Uffiċċju tal-Kunsill għandu l-ewwel jgħamel appuntament biex dan is-servizz ikun jista jingħata.

3.4.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-uffiċċju tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 6 ta' Awwissu 2019 saret laqgħa oħra din id-darba mall-Uffiċjali tal-Gozo Action Group Foundation dwar Miżuri ġodda minn fondi ewropej. Il-Kunsill għandu jara sew dawn il-miżuri.

## 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.4.1 Ma kienx hemm tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

## 3.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

3.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li irċieva imejl mingaħand il-Malta Community Chest Fund Foundation dwar jekk hux bil-ħsieb li jorganizza xi attivita/jiet b'risq l-MCCFF. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-imgħodija għandu jerġa jorganizza l-Jum dinji tat-tfal f'Novembru li ġej.

3.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li rċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex fejn ġie mitlub mill-membri tal-Kunsill Reġjonali biex jibgħatu l-proposti tagħħom għall-Baġit 2020 sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu 2019. Is-Sindku qed jissuggerixi li l-Kunsilli jingħataw aktar fondi għall-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex joperaw b'mod professjonali u b'hekk ikunu jistgħu llaħqu mad-domanda tal-pubbliku u li l-Kunsill Lokali jkollu Community Officer li jaħdem f'kull Kunsill Lokali sabiex nisguraw li fil-lokalitajiet ikun hawn l-ordni u jitnaqqas l-abbuż.

3.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar fil-laqgħa preċedenti kien qal li l-Ministeru għal Edukazzjoni kien talab lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna għal kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja ta' Sannat. Il-Kunsill għandu javviċina persuna biex jara jekk din hix eleġġibli.

3.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nġabru kwotazzjonijiet għall-air conditioners tal-uffiċċju tal-amministrazzjoni u dak tal-board room. Il-Kunsill għażel l-iktar offerta vantaġġjuża u qabel li dawn jiġu nstallati.

3.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Malta Community Chest Fund talbet lill-Kunsill biex jekk possibli żżomm karus fl-uffiċċju għal ġbir ta' fondi għal dan l-għan nobbli.Il-Kunsill qabel ma dan.

3.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dwar il-kwotazzjoni tal-gallerija tal-faċċata tal-Kunsill baqa bi kwotazzjoni waħda peress li f'Għawdex huma ftit li għadhom jaħdmuhom. L-istess qal li huwa diffiċli li ssib persuna li tista tiżboħ il-biebien tal-garaxx u tal-bieb ta' barra.

3.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

Ċirkulari Numru 14/2019: Onorarju u *Allowances*

Ċirkulari Numru 15/2019: Riforma Gvern Lokali – Emenda fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Sistema tal-*Petty Cash*

Ċirkulari Numru 16/2019: Riforma Gvern Lokali – Tħassir tar-Regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet

Ċirkulari Numru SPI/SCI/13/2019: Espressjoni ta' Interess: *Clean Up the World* 2019

Ċirkulari Numru SPI/SCI/14/2019: Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – *Community Inclusive Employment Scheme*

3.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet u Press Calls mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

9 ta' Lulju 2019 Press Conference to be hosted by Hon. Ian Borg – 2019 European Mobility Week

12 ta' Lulju 2019 RE: Press Conference to be hosted by Hon. Ian Borg – 2019 European Mobility Week

12 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/070 – European Mobility Week 2019

15 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/071 Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA

16 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/074 – Analiżi tas-Survey li sar mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward il-Permessi

16 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/075 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 22

18 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/077 – Rapport Amministrattiv – Il-Ħidma tal-Assoċjazzjoni – April – Ġunju 2019

18 ta' Lulju 2019 RE: Cir AKL 2019/071 Materjal – Seminar – Fondi għall- inizjattivi

Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA

18 ta' Lulju 2019 RE: Cir AKL 2019/078 – Reġistrazzjoni teambuilding 05/10/19

22 ta' Lulju 2019 RE: PRESS CALL – Training Lauch – 24/07/2019 – AKL Hall – 12:00pm

22 ta' Lulju 2019 RE: Cir AKL 2019/072 – M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġar MQF Level 7 - 2019 Intake

22 ta' Lulju 2019 RE: PRESS CALL – Launch M.Sc. in Governance and Management 24/07/19 – 13.00 – Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Hall

22 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/038 Malta Pride Initiative 2019

24 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/079 Stqarrija AKL 05/2019 L-Indafa Pubblika

25 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/080 – Reġistrazzjoni għas-Sessjoni ta' Taħriġ għall-Membri Eletti 14/09/2019

25 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/081 – European Mobility Week – Small Events and Activities Competition

26 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/073 – Sejħa għall-Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw fil-proġett ADMIN4ALL

26 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/082 – Stackable Waste Separation Bins

29 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/083 TM Launching a new mobile application called My Malta Plan

29 ta' Lulju 2019 RE: Cir AKL 2019/071 Materjal – Seminar – Fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-Fondi tal-LESA

31 ta' Lulju 2019 Cir AKL 2019/084 – Laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi 28/08/2019

1 ta' Awwissu 2019 Cir AKL 2019/085 – My Malta Plan App

5 ta' Awwissu 2019 Żoni Problematiċi fil-Lokalita' – Kontroll tal-Ħamiem

## 3.6 Proġett - Triq Sannat

3.6.1 Is-Sindku qal li kif kien semma qabel f'din il-laqgħa hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mall-Ministru għal Għawdex dwar l-andament ta' Triq Sannat. Wara din il-laqgħa saru diversi tentattivi biex issir laqgħa mall-Kuntrattur, bil-Perit tal-proġett preżenti biex din it-triq titkompla. Il-Kuntrattur ntalab proposed work plan ta kif se jitkompla x-xogħol. Il-Kuntrattur preżenta dan il-work plan fejn jirriżulta li dan il-proġett bil-ħsieb li jitlesta sal-aħħar ta' din is-sena u li dan ma jinkludix il-junction li hemm fil-bidu tat-triq. Il-Kunsill ra dan il-work plan. Il-Sindku qal li l-Perit qed jissuġġerixxi li ssir laqgħa mall-Kuntrattur dwar il-progress ta dan il-proġett minn żmien għal żmien u ffissa laqgħa għal nhar il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2019. Il-Kunsillier Bajada saħaq li dan il-proġett meta jerġa jibda biex ikompli

għandu jkompli sa ma jeħles biex innaqsu kull inkonvenjent lir-residenti u kull min jgħaddi minn din it-triq.

## 3.7 Proġett - Pjazza Santa Margerita

3.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt il-laqgħa li kellu mall-Ministru għal Għawdex ovjament issemma l-proġett tant imwiegħed u mistenni dak tal-pjazza ewlenija, Pjazza Santa Margerita fejn wara li x-xogħolijiet li saru mill-Kunsill preċedenti u l-applikazzjoni mall-Awtorita tal-Ippjanar saru wkoll mill-Perit li tqabbad mill-Kunsill u wara li l-Kunsill ingħata l-permess mill-Awtorita tal-Ippjanar, il-Ministru qalet li hi lesta li tidħol għal dan il-proġett ħolistiku minflokk ma jkun il-Kunsill Lokali responsabbli minnhu. Il-Sindku qal li l-Kunsill preċedenti kien diġa ħareġ darbtejn is-sejħa għal offerta ta' dan il-proġett b'kuntratt iffirmat mall-Ministeru għal Għawdex fejn kull darba li ħarġet is-sejħa dan kien qed jiġi over budget. Peress li l-fondi allokati għal dan il-proġett mill-Ministeru għal Għawdex b'kuntratt separat issa dawn il-fondi ġew użati għal proġett ta' Triq Sannat, il-Kunsill ma għandux kuntratt ieħor iffirmat mall-Ministeru għal Għawdex għal dan il-proġett ta' Pjazza Santa Margerita. Għalhekk is-Sindku qal li hu talab lil Ministru biex jara x'jgħid l-Kunsill dwar din il-proposta. Wara li l-Kunsill ddiskuta dan, il-Kunsillier Steven Gauci ma qabilx li l-Kunsill għandu jżomm dan il-proġett u l-Viċi Sindku qallet li ġiet bejn ħaltejn għalhekk ittieħed vot bi tlieta favur li dan il-proġett għandu jibqa amministrat mill-Kunsill Lokali u wieħed kontra u astenzjoni waħda.

## 3.8 Fondi għall-Inizjattivi Kulturali/Socjali mill-fondi tal-LESA

3.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt seminar organizzat mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali li għalih attendew il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv nhar is-Sibt 13 ta' Lulju 2019, fil-Grand Hotel, Għajnsielem, il-Kunsilli ġie preżentat ittra fejn tgħid li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat bbenefika minn fondi għall-inizjattivi Kulturali/Soċjali mill-fondi tal-LESA. Il-Kunsill Lokali bbenefika l-ammont ta' €2018.29. Il-Kunsill għandu jara għal xhix se japplika għal din l-inizjattiva.

## 3.9 Ilmenti u Suġġerimenti

3.9.1 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand indvidwu li joqgħod fi Triq l-Isqof Coco Palmieri sabiex jitranġaw iż-żewġ toqob li hemm ġol-bankina. Dwar dan il-Kunsill diġa ha azzjoni u kellem lill-Kuntrattur biex issir din it-tiswija u jitneħħa l-periklu.

3.9.2 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand residenta li toqgħod fi Triq Gerxija fejn qed titlob li tiġi rranġata l-kurduna tal-bankina tagħha. Il-Kunsill għandu jara l-istat ta' din il-kurduna filkaż tiġi rranġata.

3.9.3 Il-Kunsill irċieva ittra rreġistrata mingħand residenta fejn ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex jirriforma l-istat perikoluż tal-bankina disinvellata quddiem l-ħanut tagħha fi Triq Xabbata kantuniera ma Triq Saguna. Is-Sindku qal li din il-bankina diġa nqalet darba oħra u l-Kunsill għamel mill-aħjar li setgħa fuqha.

3.9.4 Il-Kunsill irċieva imejl b'ilment mingħand resident sabiex tiġi irranġata bankina fi Triq Ta' Ċenċ. Dwar dan l-ilment il-Kunsill bgħat lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

3.9.5 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq it-Tilliera sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin li hemm fil-Bidwi Park l-aktar ma dahar tal-binja tiegħu peress li l-ħaxix għoli ħafna u qed jitilgħu l-ġrieden ġol-bitħa tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ix-xogħol qed isir mill-Kuntrattur skond il-kwotazzjoni li talab il-Kunsill.

3.9.6 Resident talab li jsiru *double yellow lines* fi Triq Saguna. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar din it-talba.

3.9.7 Residenta li toqogħod fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 talbet li jitneħħa line isfar li sar riċentament ma ġenb r-residenza tagħha peress li din qatt ma għamlet talba biex jsiru xi sinjali. Il-Kunsill qal li ma talabx biex dan isir u għalhekk għandu jitneħħa.

3.9.8 Il-Kunsill irċieva imejl b'ilment rigward mużika għolja li kien hemm fis-siegħa ta' filgħodu waqt li kien għaddej party tal-festa. Il-Kunsill nforma li din il-persuna li dakinhar kienet il-festa tar-raħal u setgħet tagħmel rapport mall-Pulizjia.

3.9.9 Resident li joqgħod fi Triq Saguna qed jitlob li jsir *double yellow line* mar-residenza tiegħu u mal-faċċata peress li ma jkunx jista joħroġ l-karozza mill-garage jekk ikun hemm il-karozzi pparkjati. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta dwar dan l-ilment.

3.9.10 Resident qed jitlob li tinżabar siġra fi Triq Saguna peress li din qed tingombra t-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa b'dan lill-Pulizija u dan l-ingombru tneħħa mis-sid.

3.9.11 Il-Kunsill irċieva imejl bl-ilment rigward il-cabinets griżi madwar Malta u Għawdex tal-kumpanija GO fejn dawn qed ikunu maħmuġin u mitluqin mingħajr manutenzzjoni u barra li huma koroh qed joħolqu nkonvenjent għal propjetarji tal-propjeta' li qegħdin magħhom. Il-Kunsill għandu jara dan f'din il-lokalita'

3.9.12 Residenta li toqgħod fi Triq Marsilja qed titlob li ssir *Keep Clear* quddiem ir-residenza tagħha dan peress li raġel tagħha qed ikollu bżonn regolarment li tiġi għalih l-ambulanza biex tieħdu b'emerġenza l-isptar. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Transport Malta u sar double yellow line quddiem il-bieb.

3.9.13 Il-Kunsill irċieva ilment rigward xarabank bla numru pparkjata u abbandunata fi Triq Xamgħan. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Pulizija u għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex din titneħħa.

3.9.14 Is-Sindku qal li residenti talbuħ biex fi Triq it-28 ta' April 1688, Triq tal-Gruwa u Triq it-Tempju tal-Imramma biex isiru sleeping police biex jiġi evitat over speeding mis-sewwieqa. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma Transport Malta dwar dan.

3.9.15 Residenta minn Triq tal-Gruwa qed titlob li jiġi nstallat bank quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel ma dan.

3.9.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Merħba Sign fi Triq tal-Gruwa nstabet miksura u minduda mall-ħajt tas-sejjieħ. Hu qal li din nġabret fil-garaxx.

3.9.17 Il-Kunsillier Tewma qal li residenta minn Triq l-10 ta' Ottubru 1942 qed titlob ħadida fil-kantuniera tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

3.9.18 Il-Kunsillier Tewma qal li residenta minn Triq Vincenzo Caruana Spiteri qed titlob li ssir ħadida n shape biex tgħina biex tkun tista tidħol u tohroġ mid-dar. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

3.9.19 Il-Kunsillier Tewma ġibed l-attenzjoni li meta jitqassmu il-boroż il-ħodor żewġ individwi qalu li qed jinqabżu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jinforma lil min iqassam dawn.

3.9.20 Il-Kunsillier Tewma qal li l-Coordinator ta' Skola sajf qed titlob li bħal fi snin preċedenti l-Kunsill jistax jgħin biex issir attivita waqt Skola Sajf. Il-Kunsill qabel ma din it-talba biss irid jara x'ser tkun l-ispiża.

3.9.21 Il-Kunsillier Tewma qal li ġie mitlub minn xi residenti biex il-gradilji tal-istorm water culvert ta' Triq Dun Xand Aquilina jiġu siġillati peress li dawn qed iħabbtu u l-istess dak ta Triq ix-Xewkija. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Kuntrattur li nstalla dawn il-gradilji fi Triq Dun Xand Aqulina u l-Ministeru għal Għawdex għal dawk ta Triq ix-Xewkija.

3.9.22 Il-Kunsillier Tewma qal li ġie mitlub biex fi Triq id-Daħla taċ-Ċnus jiġu nstallati xi bozzoz ġodda peress li hi zona mudlama u għalhekk jista jkun post biex isiru affarijiet illeciti. Il-Kunsill għandu jara dwar dan.

3.9.23 Il-Kunsillier Tewma qal li kellu talba mir-residenti biex issiru parking bays ħalli jkun hemm ordni u mhux kulħadd jitfa il-karozzi fejn ġie ġie. Il-Kunsill għandu jara dwar dan biex jitkompla it-traffic managment f' Ta' Sannat.

3.9.24 Il-Kunsillier Tewma qal li kellu talba minn residenta anzjana biex isir disabled parking bay fi Triq Ta' Ċenċ. Is-Sindku spjega dwar id-disabled parking u meta ddiskutew fejn dan qed jintalab il-Kunsill qal li fejn qed jintalab dan, it-triq tidjieq u li mhux possibli li jsir peress li ser noħolqu nkonvenjent kbir għal tal-linja u s-sewwieqa.

3.9.25 Il-Kunsillier Gauci qal li kellu talba mingħand persuna biex bank li jinsab fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini jitbaxxa. Il-Kunsill għandu jara dan.

3.9.26 Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni li meta saret Triq l-20 ta' Lulju bit-tarmak, l-Kuntrattur tefgħa bank u xi materjal ieħor f'għalqa ta' individwu u li din għadha ma tnaddfitx. Il-Kunsill qabel li din għandha titnaddaf.

## 3.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2019

3.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 3.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-aħħar laqgħa.

3.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 16 ta' Settembru 2019

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(Iffirmata)** |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |